# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 661/99mm**

**George Spiteri (Successors) Ltd**

**vs**

**Brian Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Mejju 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittin lira u erbatax-il centezmu (Lm260.14c), somma li nstabet nieqsa mill-post tax-xoghol (Alexandra Palace Hotel) u li ghaliha huwa kien responsabbli u dana minhabba nuqqas ta' hila jew negligenza da parte tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' April 1999, u bl-imghax legali mill-10 ta' Mejju 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-esponent iddeposita is-somma allegatament nieqsa ta' Lm260.14c konsistenti fi *foreign currency* u flus maltin fis-safe li kien fil-kamra wara r-*reception,* ghalaq l-istess safe ta c-cavetta li Nadia Reimer li hija wkoll *receptionist* fis-7:00a.m.

2. Illi fid-9:30a.m., l-esponent ircieva telefonata li l-flus kienu neqsin u spjega immedjatament li kien iddeposithom personalment u wara li kien ghoddhom hu u ghalhekk ma kienx responsabbli jekk naqqsu, la kien negligenti u la b'nuqqas ta' hila.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut ghamel xi zmien jahdem bhala *receptionist* f'Alexandra Palace Hotel illi qieghdha fi Schreiber Street, Paceville, San Giljan. Il-konvenut kien ilu jahdem ma' din il-lukanda biss ftit xhur. It-tahrig tieghu jidher illi kien sufficjenti ghax l-istess direttur Francis Spiteri xehed illi kien kuntent bix-xoghol illi kien qed jaghmel il-konvenut u dehrlu illi setgha jafdah. Tant hu hekk, illi dana beda jahdem bhala *receptionist* hekk kif spicca t-tahrig tieghu.

Ix-xoghol ta' *receptionist* jinvolvi zewg *shifts,* wiehed ta' bin-nhar, u wiehed ta' bil-lejl u qabel ma jghaddu minn shift ghall-iehor ikun hemm *hand over* tal-flus illi jkunu ngabru fir-*reception area* u mill-bar jew pizzerija li kien hemm fl-istess lukanda. Ghal dak li jirrigwarda s-*shift* ta' bil-lejl, dawna jigbru l-flus, ipogguhom f'*envelope* liema *envelope* jitqieghad gos-safe, imbaghad l-ghada filghodu jigi l-*accountant,* jiftah is-*safe* u jiehu dawn il-flus. Il-*hand over* max-*shift* ta' wara jsir biss ghal dak li jirrigwarda l-*float,* jew inkella l-flus illi jkollhom fid-desk fejn isir *reconciliation* u x-*shift* tghaddi lil dik ta' warajha dawk il-flus illi jkunu ngabru fix-*shift* ta' qabel.

F'dan il-kaz irrizulta illi s-*safe* kien wiehed difettuz. Ic-cavetta kienet miksura, tant hu hekk illi ma tantx kien fadal minnha u tajjeb jew hazin ir-*receptionist* kienu qieghdin jinqdew b'din ic-cavetta. Saret ordni minn nahha tal-*management* sabiex tingieb serratura gdida, izda peress illi din tingieb mill-esteru r-*receptionist* kellhom jinqdew bic-serratura l-antika, bicca cavetta kif jidher mill-atti ta' dan il-process. Meta l-konvenut spicca minn *night shift* tieghu, huwa ghadda l-flus li kien hemm fir-*reception*

lil Nadia Reimer li kien imissha x-*shift* ta' matul il-gurnata. Nghaddew il-flus li kien fir- *reception* u dawna kienu jaqblu ma' l-ircevuti li kien hemm fid-desk. Il-konvenut ghadda c-cavetta lil Nadia Reimer u telaq l'hemm. Meta mbaghad giet l-*accountant* Julianne Muscat biex tiftah dan is-safe nstab illi ma setghax jinfetah. Gew il-*handymen* George Spiteri u kuginuh Frank Spiteri u wkoll ma setghux isibu tarf dan is-*safe* sakemm wasslu ghal konkluzzjoni illi l-unika mod li setgha jinfetah kien li jigi sfurzat. Ghalhekk gabu l-ghodda u dawna qaghdu jahdmu wahedhom fuq is-safe sakemm infetah. Meta nfetah is-safe imbaghad ghaddew xi flus lir-*receptionist* Nadia Reimer u meta dina saqsiethom ghall-envelope li suppost kien hemm f'dan is-safe Frank Spiteri u George Spiteri qalu illi ma sabu xejn aktar. Saret tficcija ma' kullimkien u meta l-*envelope* baqa ma nstabx gie kkuntatjat il-konvenut, mar mall-ewwel fuq il-post u hemmhekk ghen ukoll biex terga ssir tficcija ohra ghal dan l-*envelope*. L-*envelope* baqa ma stabx u peress illi l-*management* dehrlu illi l-konvenut kellu jkun responsabbli ghal dan in-nuqqas b'ittra datata 9 ta' Frar 1999 infurmawh illi kienu ser inaqqsu mill-paga tieghu l-ammont ta' tnejn u tletin lira u hamsin centezmu (Lm32.50c) biex jaghmel tajjeb ghall-ammont li kien hemm nieqes f'dan is-safe. Jinghad li mhux kontestat bejn il-partijiet illi go dan is-safe suppost kellu jkun hemm l-ammont ta' mitejn u sittin lira u erbatax-il centezmu (Lm260.14c).

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi s-socjeta' attrici kif rappresentata minn Francis Spiteri mhiex qieghdha tallega li l-konvenut seraq il-flus li kien hemm fis-safe. Qieghdha tghid biss illi bhala l-persuna responsabbli kien imiss lilu li jassigura li dan l-*envelope* ikun fis-*safe* u ghalhekk kellu jkun responsabbli ghal xi nuqqas illi rrizulta  mill-agir tieghu.

Fil-parti konkluzzjonali tan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha s-socjeta' attrici qieghdha tghid illi l-konvenut kien negligenti meta naqas li jqieghed dawn il-flus fis-*safe*. Dan in-nuqqas kien bi ksur ta' l-obbligu tieghu kemm legali kif ukoll kuntrattwali u ghalhekk ghandhu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas. Il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel nett, kellha tigi pruvata li kien hemm element ta' negligenza fl-operat tal-konvenut.

Is-socjeta' attrici qieghdha tassumi li dawn il-flus ma tpoggewx fis-safe. Minn imkien ma jirrizulta f'dan il-process illi ma sarx mod iehor. Ma giex ippruvat li dawn il-flus ma' tqieghdux fis-safe jew inkella li ma gietx uzata l-procedura li normalment ghandha tintuza biex jghaddu l-flus minn shift ghall-iehor.

Il-konvenut spjega l-operat tieghu dik il-lejla liema operat huwa konformi mal-prassi li kien gie mghallem mill-istess lukanda sabiex ir-responsabbilta ta' shift tghaddi minn wiehed ghall-iehor. Ladarba giet eskluza l-possibilta' ta' serq l-unika mezz kif is-socjeta' attrici jista jkollha success fl-istanza taghha hija jekk jigix ippruvat xi element ta' negligenza jew traskuragni fl-operat tal-konvenut.

Il-Qorti  ma jidhirliex li s-socjeta' attrici lahqet dan il-grad ta' prova, lanqas fuq bazi ta' probabilita', dana l-ghaliex hemm wisq fatturi x'jimmitigaw favur it-tezi tal-konvenut. Il-fatt illi s-safe kien difettuz huwa fattur illi jista jkollu konsegwenzi ghall-agir tal-konvenut. Kif gia nghad, il-procedura illi uza kienet wahda regolari u konformi mat-taghlim illi huwa gie moghti mill-istess lukanda. Barra minn hekk, jidher illi ma kien hemm l-ebda sorveljanza minn xi ufficjal ta' l-istess lukanda meta l-*handymen* kienu qieghdin jahdmu fuq dan is-safe. Il-Qorti ma trid titfa dell fuq hadd izda jibqa l-fatt li hemm dubbji kemm il-konvenut jista jkun responsabbli ghal dan in-nuqqas. Il-fatt biss li dan l-*envelope* ma nstabx fis-safe ma jfissirx li ma tpoggiex hemm jew illi b'daqshekk ir-responsabbilta ghandha taqa nettament fuq il-konvenut. Din ir-responsabbilta' kienet taqa' fuqu li kieku hu ma osservax il-proceduri korretti illi ghandhom jintuzaw fid-depositu tal-flus. Ma rrizultax illi l-konvenut ma uzax dawn il-proceduri. Kemm mix-xhieda ta' l-istess konvenut u kif ukoll mix-xhieda ta' Nadia Reimer jirrizulta illi l-konvenut mexa skond dawn il-proceduri.

Bhal ma qalet il-kawza <u>Dr H Lenicher vs J Camilleri</u> deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972 "… f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli". Dan hu konformi mat-taghlim tad-dritt Ruman illi *actors non probante reus absolvitur*.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg